MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 345/2011/1

Vodafone Malta Limited

vs

Joseph Cutajar

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet lill-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett elef, erba mija u erbatax il-ewro u disgha centezmi (€3,414.09) rapprezentanti hlas ta' servizz ta' telephone cellulari mill-konvenut.

Ra illi l-konvenut kien debitament notifikat fl-avviz tat-talba u bl-avviz tas-smiegh liema notifika saret fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011).

Ra li fis-seduta ta' wara l-konvenut ma' deherx.

Ra d-digriet tieghu li permezz tieghu appunta din il-kawza mill-gdid ghal wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), wara li din il-kawza kienet referuta mis-sede tat-Tribunal fMalta ghas-sede tat-Tribunal f'Ghawdex.

Ra illi l-konvenut kien debitament notifikat b'din is-seduta liema notifika saret fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), izda xorta ma deherx.

Ra u sema' l-provi mressqa u ra d-dokumenti esebiti.

Ra d-digriet tieghu tal-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) permezz ta' liema din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkonsidra

Illi l-konvenut naqas milli jikkontesta din it-talba. Fil-fatt huwa lanaqas prezenta risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas qatt deher quddiem it-Tribunal sabiex jikkontesta t-talba. Dan minkejja li kien notifikat b'zewg avvizi tas-smiegh, wiehed fis-sedja tat-Tribunal ta' Malta fejn originarjament beda' jinstema l-kaz u l-iehor fis-sede tat-Tribunal ta' Ghawdex.

Illi fil-wiehed u tletin (31) ta' Jananr tas-sena elfejn u tnax (2012) it-Tribunal sema lir-rapprezentant tal-kumpanija Vodafone Malta Limited tikkonferma illi sa dik id-data l-kreditu intier kien ghadu dovut.

Illi l-kreditu dovut huwa spjegat fl-istatements prodott mill-kumpanija atttrici a fol 2 tal-process.

It-Tribunal jidirlhu illi fin-nuqqas ta' oppozizzjoni u fil-kumpless tal-fatti u provi kif prodotti quddiem dan it-Tribunal it-talba tidher gustifikata.

Ra ukoll l-artikolu 13 (b) tal-Kap 380.

Ghadaqstant it-Tribunal jilqa t-talbiet attrici; jikkundanna lill-konvenut Joseph Cutajar sabiex ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' tlett elef, erba mija u erbatax il-ewro u disgha centezmi (€3,414.09) bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz. Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' l-avviz odjern.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------